

Brussell, 3 ta' Awwissu 2020
(OR. en)

10069/20

ECOFIN 699
UEM 251
FIN 524

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

Rapport Speċjali Nru 12/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

"Iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti: Tnieda biex jagħti spinta lill-investiment fl-UE, iżda l-impatt tiegħu għadu limitat"

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 12/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti: Tnieda biex jagħti spinta lill-investiment fl-UE, iżda l-impatt tiegħu għadu limitat", kif adottat permezz ta' proċedura bil-miktub fil-31 ta' Lulju 2020.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

Rapport Speċjali Nru 12/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

"Iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti: Tnieda biex jagħti spinta lill-investment fl-UE, iżda l-impatt tiegħu għadu limitat"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 12/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti: Tnieda biex jagħti spinta lill-investment fl-UE, iżda l-impatt tiegħu għadu limitat", u JIEĦU NOTA tas-sejbiet tal-Qorti;
2. JINNOTA li l-awditu kopra l-operazzjonijiet taċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (iċ-Ċentru) mill-2015 sal-2018 u JIRRIKONOXXI li sabiex jiġi vvalutat b'mod preċiż l-impatt tal-attività taċ-Ċentru lejn sensiela ta' proġetti robusti u maturità mtejbja tal-proġetti, ser ikun meħtieġ perijodu itwal ta' żmien;
3. JISSOTTOLINJA l-importanza taċ-Ċentru biex jiġu indirizzati diskrepanzi fl-investment u l-valur miżjud tiegħu għal strumenti oħra ta' konsulenza;
4. JILQA' l-fatt li l-benefiċjarji kienu sodisfatti ħafna bil-pariri li rċeew, iżda madankollu JIRRIKONOXXI li l-Qorti kkonkludiet li, sa tmiem l-2018, iċ-Ċentru kien għadu ma weriex li huwa għodda effettiva biex tingħata spinta lill-investment, u għalhekk JAQBEL mal-Qorti tal-Awdituri li hemm lok għal titjib f'ċerti oqsma;

5. JILQA' r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri u l-qbil tal-Kummissjoni u tal-Bank Ewropew tal-Investment magħhom u JAPPELLA għall-implimentazzjoni rapida tagħhom;
6. JENFASIZZA, f'konformità mal-ewwel u t-tieni rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri, li iċ-Ċentru jenħteġ li jimmira aħjar l-appoġġ u r-riżorsi tiegħu lejn il-prijoritajiet tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) u tal-InvestEU, pereżempju billi jivvaluta l-ħtiġijiet ta' konsulenza u d-domanda li x'aktarx ikun hemm għaliha, FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-importanza tan-natura xprunata mid-domanda taċ-Ċentru;
7. JENFASIZZA, f'konformità mat-tielet rakkomandazzjoni, il-ħtieġa li tittejjeb is-sistema tal-kejl tal-prestazzjoni billi jiġu żviluppati indikaturi bbażati fuq ir-riżultati u jsir segwitu fuq ir-riżultati minn proġetti ta' konsulenza, sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni aħjar tal-impatti u r-riżultati li jenħteġ li jikseb iċ-Ċentru;
8. JINNOTA li l-esperjenzi fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn iċ-Ċentru u l-Banek jew l-Istituzzjonijiet Promozzjonali Nazzjonali kienu jvarjaw, minn esperjenzi pożittivi ħafna għal każijiet fejn il-kooperazzjoni kienet limitata jew ineżistenti, għalkemm b'xi sinjali ta' titjib maż-żmien, u JIKKUNSIDRA li l-viżibbiltà taċ-Ċentru tista' tittejjeb, speċjalment fil-livell lokali kif ukoll online, fost l-oħrajn f'kooperazzjoni mal-Banek u l-Istituzzjonijiet Promozzjonali Nazzjonali;

9. JENFASIZZA b'mod partikolari l-importanza tar-raba' rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li t-tagħlimiet li ttieħdu miċ-Ċentru jiġu inkorporati fl-implimentazzjoni prattika taċ-ċentru ta' konsulenza tal-InvestEU, bil-ħsieb li tittejjeb l-effettività tiegħu;
10. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Bank Ewropew tal-Investment biex jirrappurtaw lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ulterjuri tar-rakkomandazzjonijiet sa nofs l-2021.